Co-funded by the Creative Europe Programme of the European Union

# ULYSSES' SHELTER 3

Data tas-sejħa: 17 ta' Mejju, 2023

Data tal-għeluq: 18 ta' Ġunju, 2023

DATA TAL-GĦELUQ IMĠEDDA: **IS-6 TA' LULJU, 2023**

## Fiex tikkonsisti s-sejħa?

ULYSSES' SHELTER: BUILDING LITERARY RESIDENCIES NETWORK huwa t-tielet stadju ta' proġett kofinanzjat mill-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Edukazzjoni u għall-Kultura (EACEA) taħt il-programm tal-Ewropa Kreattiva tal-2021-2027. Issa, in-network ta' residenzi letterarji ġie estiż għal seba' pajjiżi Ewropej: il-Greċja, il-Kroazja, Malta, ir-Repubblika Ċeka, is-Serbja, is-Slovenja, Spanja u Wales fir-Renju Unit, u jikkollabora ma' diversi istituzzjonijiet u NGOs f'kull pajjiż parteċipanti.

Din is-sejħa tirreferi għall-**awturi emerġenti (proża/poeżija/traduzzjoni/kitba ta' skripts)** li jistgħu japplikaw għal residenza waħda matul l-2023/2024.

Il-programm ta' residenza jindirizza d-dimensjoni internazzjonali bħala l-prijorità tiegħu billi jipprovdi lill-awturi emerġenti l-opportunità biex jaħdmu, jagħtu prestazzjonijiet, u jippreżentaw lilhom infushom f'lokazzjonijiet differenti Ewropej. Kull residenza se tkun akkumpanjata minn programm ta' appoġġ divers li jikkonsisti f'attivitatjiet relatati mal-letteratura mmirati għal gruppi lokali speċifiċi, bħal parteċipazzjoni f'qari letterarju, workshops, festival u/jew attivitajiet oħra relatati mal-letteratura.

LOKAZZJONIJIET, ŻMIEN TAR-RESIDENZI U L-PROGRAMM OFFRUT:

- Larissa, il-Greċja

o meta: bejn Awissu u Settembru 2024
o żmien: 2-3 ġimgħat
o programm għal: awturi tal-poeżija

- Mljet, il-Kroazja

o meta: bejn Novembru 2023 u Ġunju 2024
o żmien: 2-3 ġimgħat
o programm għal: awturi tal-proża/poeżija, tradutturi

- Prague, ir-Repubblika Ċeka

o meta: 10 – 24 ta' Novembru 2022
o żmien: ġimagħtejn
o programm għal: awturi tal- poeżija

Sandorf · Društvo slovenskih pisateljev Slovene Writers' Association · θράκα περιοδικό εκδόσεις · krokodil Engaging Words · iNiZJA MED · Fundació Mallorca Turisme Consell de Mallorca · culture reset · LITERATURE ACROSS FRONTIERS

Co-funded by the Creative Europe Programme of the European Union

● Belgrade, is-Serbja

o meta: bejn Frar u Marzu 2024

o żmien: 2 - 4 ġimgħat
o programm għal: awturi tal-proża/poeżija, tradutturi

● Ljubljana, is-Slovenja

o meta: bejn nofs Ġunju u nofs Settembru 2024
o żmien: 2 ġimgħat
o programm għal: awturi tal-proża/poeżija

● Caernarfon, Wales, ir-Renju Unit

o meta: minn April sa Mejju 2024
o żmien: ġimagħtejn
o programm għal: awturi tal-proża/poeżija, tradutturi

MIN HU ELIĠIBBLI BIEX JAPPLIKA:

- L-applikanti jenħtieġu jkunu awturi emerġenti (proża/poeżija), tradutturi letterarji jew kittieba ta' skripts

- L-applikanti jenħtieġu jkollhom **għall-inqas xogħol wieħed**, imma mhux aktar minn tlieta ppubblikati uffiċjalment (online u/jew stampati).

- L-applikanti jenħtieġu jkuni ċittadini Maltin jew ikollhom residenza permanenti f'Malta

- L-applikanti jenħtieġu jkollhom għarfien avvanzat tal-lingwa Ingliża.

- L-applikanti jenħtieġu jkunu jistgħu jivvjaġġaw fil-lokazzjoni magħżula fil-perjodu msemmi

- L-applikanti jenħtieġu li jiktbu kitba għas-sit ULYSSES' SHELTER Tovar.hr matul ir-residenza

- L-applikanti jenħtieġu li jkunu miftuħa li jikkolaboraw u li jaħdmu ma' artisti u msieħba oħra

- L-applikanti jenħtieġu li jkunu interessati li jrawmu relazzjoni mal-udjenza lokali

**NOTA: Sabiex l-applikanti jiġu kkunsidrati għall-programm ta' residenza jenħtieġu li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha.**

Sandorf · Društvo slovenskih pisateljev Slovene Writers' Association · θράκα περιοδικό εκδόσεις · krokodil Engaging Words · INIZJAMED · Fundació Mallorca Turisme Consell de Mallorca · culture reset · LITERATURE ACROSS FRONTIERS

Co-funded by the
Creative Europe Programme
of the European Union

X'INHU OFFRUT?

- Żewġ residenzi għal żewġ kandidati

- Sessjoni ta' introduzzjoni, taħdita artistika jew avvenimenti/workshops oħra

- Appoġġ lir-residenti

- Promozzjoni tar-residenti fuq il-kanali tal-midja soċjali ta' ULYSSES' SHELTER, bullettini u sit Tovar.hr kif ukoll fuq dawk tal-imsieħba.

- Possibbiltajiet ta' network u viżibbiltà internazzjonali

- Akkomodazzjoni mħallsa u spejjeż għall-ivvjaġġar (klassi ekonomika)

- Miżata ta' **€400 gross** (taxxi inklużi) u sussistenza ta' **€300 gross**

- Opportunità fantastika għal awturi emerġenti ambizzjużi li jibbenefikaw minn esperjenza unika li tista' ssaħħaħ il-karriera tagħhom, u tippermettilhom li joħolqu xogħol ġdid, jirriċerkaw, kif ukoll jesperimentaw u jieħdu direzzjoni ġdida fil-kitba tagħhom.

X'INHUMA R-REKWIŻITI TAS-SOTTOMISSJONI?

- L-applikazzjoni jenħtieġ tintbagħat lil info@inizjamed.org sat-18 ta' Ġunju, 2023

- Id-dokumenti kollha jenħtieġu jintbagħtu bl-Ingliż

- Huwa possibli li tapplika għal aktar minn lokazzjoni waħda, imma l-kandidati magħżula jistgħu biss jiġu offruti residenza waħda.

Dokumentazzjoni neċessarja:

1. CV jew Resumè (b'tul ta' mhux aktar minn paġna)
2. Ittra ta' motivazzjoni li tinkludi spjegazzjoni għaliex l-applikant irid jipparteċipa fil-programm (b'tul ta' mhux aktar minn paġna)
3. Għażla tal-lokazzjoni (sa 3); li tinkludi spjegazzjoni għaliex l-applikant irid iżur dawn il-lokazzjonijiet speċifiċi u kif dan jirrelataw ma' xogħolhom (b'tul ta' mhux aktar minn paġna)
4. Biblijografija
5. Ittra ta' rakkomandazzjoni (fakultattiva)

Co-funded by the Creative Europe Programme of the European Union

META SE JIĠU PPUBBLIKATI R-RIŻULTATI?

Ir-riżultati se jitħabbru fuq is-siti tal-proġett u tal-imsieħba u l-midja soċjali sal-**bidu t'Awissu 2023**. L-applikanti magħżula se jirċievu wkoll ittre diretta.

Il-Kumitat tal-Għażla se jissuġġerixxi **żewġ (2) applikanti** biex jipparteċipaw fil-programmi ta' residenza matul l-2023/2024.

Tista' ssib aktar fuq il-proġett u x-xogħol tal-imsieħba hawn: Sandorf, DSP, Thraka, KROKODIL, MFC u LAF.

Għal aktar tagħrif fuq din is-sejħa miftuħa, tista' tibgħat email lil info@inizjamed.org.

GDPR

Meta tibgħat l-Applikazzjoni għal din is-Sejħa Miftuħa, qed tagħti l-kunsens li l-informazzjoni pprovduta fl-Applikazzjoni tinżamm fuq kompjuter jew sistemi ta' filing relevanti u li tiġi maqsuma ma' organizzazzjonijiet jew persuni oħra akkreditati skont il-GDPR 2018.

Nota ta' Privatezza

Se nipproċessaw u naħżnu d-data personali skont il-leġiżlazzjoni relevanti. L-informazzjoni pprovduta se tintuża esklussivament għall-proċess ta' għażla. L-ismijiet u l-bijonoti tal-kandidati magħżula se jsiru pubbliċi.